Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7524/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0808(CNS)**

IXIM 63
CRIMORG 37
ENFOPOL 152
ENFOCUSTOM 47
JAI 388

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 13925/21; 14838/21 |
| Suġġett: | Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fl-Italja<br>– Adozzjoni |

1. Fit-**2 ta' Diċembru 2021**, fil-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM) il-parteċipanti approvaw ir-rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni dwar l-iskambju ta' **data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD)** għall-**Italja** (13924/21 IXIM 237 CRIMORG 132 ENFOPOL 436 ENFOCUSTOM 162 JAI 1234), kif ukoll ir-rapport ġenerali (13925/21 IXIM 238 CRIMORG 133 ENFOPOL 437 ENFOCUSTOM 163 JAI 1235) ibbażat fuq il-kwestjonarju, żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota.

2. Fil-vidjokonferenza tat-**2 ta' Diċembru 2021**, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li huma ssodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li, għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat tad-data rigward id-data tal-**VRD**, l-**Italja** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fid-**9 ta' Diċembru 2021**, il-Kunsill adotta abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI li jikkonċernaw l-**Italja** fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data dwar il-**VRD**, li jinsabu fid-dokument 14747/21 IXIM 277 CRIMORG 154 ENFOPOL 490 ENFOCUSTOM 182 JAI 1363.

4. Kif previst mid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fit-**22 ta' Diċembru 2021** il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data dwar il-**VRD** fl-**Italja**, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 14838/21 IXIM 284 CRIMORG 158 ENFOPOL 496 ENFOCUSTOM 189 JAI 1382.

5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-**24 ta' Marzu 2022.**

*6. Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mitlub:*

– *jippreżenta r-rapport ġenerali (13925/21 IXIM 238 CRIMORG 133 ENFOPOL 437 ENFOCUSTOM 163 JAI 1235) lill-Kunsill; u*

– *jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data dwar il-**VRD** fl-**Italja** (14838/21 IXIM 284 CRIMORG 158 ENFOPOL 496 ENFOCUSTOM 189 JAI 1382).*